MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 605/2011/1

**Carmelo Vassallo (I.D. 567463(M)) u Massimo Vassallo (I.D.553860(M)) ezercenti l-kummerc flimkien taht l-isem Leggenda Vera**

**vs**

**Mario Hammett**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fis-06 ta' Mejju, 2013 mit-Tribunal Ghal Talbiet Żgħar li ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*"It-Tribunal,*

*Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-26 ta' Lulju, 2011** u li permezz taghha talbu lill-intimat ihallashom is-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro u sitt ċenteżmi ta' euro [€3,494.06c] u dan wara li ppremettew hekk:*

*“Hlas fl-ammont ta’ tlett elef erba’ mija u erbgha u disghin euro u sitt cent (€3,494.06c), liema somma qed tiġi mitluba peress illi hija l-massimu li jippermetti l-artikolu 3 tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

*Jigi precizat li qabel ir-riduzzjoni precitata l-ammont dovut lill-atturi mill-konvenut kien dak ta’ erbat elef tmien mija u sebgha euro u sittin cent (€4,807.60), kwantu ghas-somma ta’ erbat elef hames mija u sebgha euro u sittin cent (€4,507.60) rappreżentanti l-bilanc ta’ somma akbar, import tal-prezz ta’ xoghol u servizzi rezi skond ma jirrizulta mill-annessa fattura datata t-28 ta’ Settembru 2010 (Dok. A) u kwantu ghas-somma ta’ tlett mitt euro (€300) rappreżentanti l-bilanc ta’ somma akbar, import tal-prezz ta’ xoghol u servizzi rezi skond ma jirrizulta mill-annessa fattura datata t-13 ta’ April 2011 (Dok. B) , liema somma komplessiva inti bqajt ma hallastx nonostante diversi interpellazzjonijiet li sarulek, u dana kif ser jiġi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma mitluba mid-dati tal-fatturi precitati (Dokumenti A u B) sal-hlas effettiv, kif ukoll bl-ispejjez ġudizzjarji, kontra l-konvenut li huwa ingjunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.*

*B’riserva ghal kull dritt li jistghu jkollhom l-atturi fir-rigward ta’ dik il-parti tal-kreditu taghhom li ġiet eskluża mit-talba odjerna ghal finijiet ta’ kompetenza”.*

*Ra* ***r-risposta tal-intimat*** *minnu mressqa fl-10 ta’ Novembru, 2011 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:*

*“Illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa m’ghandu jaghti xejn lill-atturi.*

*Illi huwa hallashom tax-xogholijiet kollha interkorsi minnhom u cioe xoghol ta' tqeghid ta' madum ta' l-art u tal-hajt, xoghol ta' plumbing u elettriku, xoghol ta' drenaġġ u ta' gypsum u huma qatt ma gew appuntati bhala Project Manager u biex ikunu sensala ma' terzi persuni fix-xoghol in kwistjoni.*

*Illi huma tqabbdu biex jaghmlu dawn ix-xogholijiet ghall-intimat u ta' dan thallsu u m'ghandhomx jithallsu ghal dawn il-meetings li jippretendu li saru ma' terzi waqt l-esekuzzjoni tax-xoghol taghhom fil-fond tal-intimat.*

*Illi huma ma tqabbdux biex jaghmlu dan ix-xoghol imma xoghol iehor li ghalih thallsu diġà.*

*Salv eċċezzjonijiet ohra".*

*Ra l-verbali datati 3 ta' Lulju, 2012, 4 ta' Ottubru, 2012, 8 ta' Novembru, 2012 u 8 ta' Jannar, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;*

*Semgha' x-xhieda;*

*Ra l-atti;*

*Ikkunsidra:-*

*1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda jitolbu l-hlas tas-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro u sitt ċenteżmi ta' euro [€3,494.06] liema somma tirrapreżenta bilanċ dovuta lilhom minn somma akbar bhala prezz ta' xoghol u servizzi rezi lill-intimat. L-intimat da parti tieghu qal li huwa ma ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti u li x-*

*xoghol li huma tqabbdu biex jaghmlu thallsu tieghu. Qal ukoll li huwa qatt ma qabbad lir-rikorrenti bhala project managers jew biex ikunu sensala ma terzi persuni fix-xoghol in kwistjoni.*

*Ikkunsidra;*

*2. Fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2012* ***xehed l-intimat Mario Hammett*** *li qal illi huwa kien inkariga lir-rikorrenti biex jaghmlu xi xogholijiet fid-dar tat-tifel tieghu gewwa l-indirizz "Mombasa", Triq l-Artikli, Qawra. L-inkarigu li huwa kien ta' lir-rikorrenti kien sabiex jaghmlu xogholijiet ta' plumbing, elettriku u xoghol ta' drenaġġ. Ix-xoghol li kien ippjanat li jsir kien xoghol ta' rinovar. Kien talabhom ukoll jaghmlulu xi xoghol ta' cangar u kien talabhom stima ghal-kisi tal-post. Dwar dan l-ahhar fatt u cioe l-kisi, r-rikorrenti jghid li dan ix-xoghol ma kienx sar peress li l-prezz kwotat kien gholi wisq.*

*L-intimat ighid li wara li x-xogholijiet tlestew kollha huwa kien hallas lir-rikorrenti. Fil-fatt, ikompli jghid l-istess intimat, wara diversi riċevuti li kienu hargulu r-rikorrenti, huma kienu hargulu l-ahhar riċevuta in full and final settlement, liema ricevuta iggib id-data tas-27 ta' Jannar, 2011 u hija esebita fil-process bhala dok. MH1 (fol. 25).*

*It-Tribunal ra l-imsemmija ricevuta li tghid testwalment hekk "Received from Mr. Mario Hammett, the amount of €1008.00 (one thousand and eight euros) by Chq. No. HSBC 1218, being in full settlement on quote 1574". Issa quote 1574 li giet esebita a fol. 26 (dok. MH2) iggib id-data tas-26 ta' Jannar, 2011 u tirreferi ghal dawn ix-xogholijiet:*

*"Removing existing furniture, masking all apertures, skriting, ceilings & corner walls, covering up, retouching with finitura, painting in 4 coats TV room, 3 coats common area, stairwell & hallway & 4 coats bedroom €848.00.*

*Cleaning & cart away to matab, amounting chandalier and painting including material €160.00"*

*Is-sub-total ta' dawn l-ahhar zewg sommom jammonta ghal €1,008.00 li meta tghodd il-VAT ta' €181.44 jammonta ghal €1,189.44c.*

*L-intimat ighid ukoll li tant kienu mixjin tajjeb l-affarijiet bejniethom illi wara xi erba' xhur huwa kien rega' inkariga lir-rikorrenti sabiex jaghmlulu xi xogholijiet ġewwa l-istabbiliment tieghu bl-isem ta "The Brasserie", The Village, f'San Giljan. Gara li waqt li kienu ghaddejjin dawn ix-xogholijiet inqala disgwid bejn il-partijiet u dan fis-sens li l-intimat kellhu johrog madwar €100 biex jittrangaw xi affarijiet li kienu saru hziena. Huwa ppretenda li dawn il-€100 jitnaqqsu mill-kont li kienu tawh ir-rikorrenti l-ghaliex skond hu dawn l-ispejjez saru tort uniku taghhom. Minhabba dan, ikompli jghid l-intimat, ir-rikorrenti kienu baghtulu kont ghal consultancy services illi huma kienu taw ghal progett tal-Qawra, liema consultancy services huwa jghid li ma kienx qabbadhom biex jaghmlu.*

*L-intimat zied ighid li r-rikorrenti kienu tqabbdu bhala kuntratturi fil-post tal-Qawra ghal xi xogholijiet bhal ma kienu dawk ix-xogholijiet ta' l-elettriku u dan peress illi huma ma kienux jaghmlu xoghol tal-elettriku. Minhabba f'hekk, huma kienu qabdu xi nies sabiex jaghmlu dawn ix-xogholijiet u huma u cioe r-rikorrenti kienu qed jiehdu hsieb dawn ix-xogholijiet.*

*Kompla jghid li meta jkun hemm hafna trades differenti jahdmu fuq l-istess post dawn jikkonsultaw ma xulxin dwar ix-xogholijiet illi jkunu ghaddejjin u ghalhekk l-intimat ma kienx qieghed jippretendi li r-rikorrenti johorgulu kont ghal xi pariri jew inkella xi suġġerimenti li huma jkunu ghamlu lill-haddiema l-ohra. Jghid li huwa "żgur ma qabbadtux sabiex jaghmel dawn il-pariri u s-susggerimenti u ma nhoss ghalhekk illi ghandi*

*nhallsu tal-istess. Jiena la qatt tlabt u l-attur qatt ma tani xi quotation fir-rigward tal-prezzijiet tieghu ghal tali servizzi" (fol. 22).*

*Qal ukoll li fir-rigward tal-ircevuta dokument MH1 (fol. 25) "ix-xogholijiet tal-Qawra kienu tlestew sa dik id-data tal-ircevuta però jekk irrid inkun preċiż xi five per cent ta' dawn ix-xogholijiet u cioe xi cekcikiet ma kinux tlestew u ma kienux saru mill-attur. Ghandi nghid illi five per cent tal-affarijiet illi ma kinux ghadhom tlestew mill-attur kienu affarijiet zghar, cekcik snag list anzi u f'dik id-data u cioe s-27 ta' Jannar tal-2011 xi hmistax fil-mija tax-xogholijiet li kienu qed isiru mill-haddiema l-ohra kienu ghadhom ma tlestewx dakinhar (fol. 22-23). Ezempju tax-xoghol li ma kienx ghadu tlesta kien hemm it-tarag tal-hadid però r-rikorrenti, jghid l-intimat, ma kellhomx x'jaqsam xejn ma dawn ix-xogholijiet.*

*Meta gie muri d-dokument A (fol 2) l-intimat stqarr li r-rikorrenti ma kellhom x'jaqsmu xejn ma dik il-lista ta' affarijiet li tinsab elenkata hemmhekk salv ghad-data low voltage system, ghall-liema xoghol huwa kien hallas lir-rikorrenti on a per hour basis. B'referenza ghall-invoice numru 1528 (fol. 3) l-intimat qal li jekk huwa kien inkariga lir-rikorrenti sabiex jiehdu hsieb ix-xogholijiet ta' l-elettriku huwa ma jippretendiex lir-rikorrenti jzommulu l-flus talli huma jkunu marru jigbru l-oggetti mill-hanut minn fejn kienu ordnati dawn l-oggetti.*

*Ghar-rigward ta' l-invoice numru 1528 li hemm esebita a fol. 3 tal-process, l-intimat ighid li r-rikorrenti kienu nizlu zewg dati u cioe l-10 ta' Marzu, 2010 u t-30 ta' Settembru, 2010 u dan b'referenza ghax-xogholijiet li kienu saru f'dak iz-zmien. Pero, l-intimat ighid li "l-hlas li sar in full and final settlement u cioe u l-ircevuta li nghatat fis-27 ta' Jannar 2011 ovvjament tkopri l-invoice pendenti ghal din id-data" (fol. 23).*

*L-intimat jinnega li huwa kien inkariga lir-rikorrenti bhala project manager fil-fond ta' ibnu gewwa l-Qawra. Lir-rikorrenti, jkompli jghid l-intimat, huwa kien inkarigahom ghall-ewwel darba biex jaghmlulu xi xogholijiet*

*gewwa l-fond ta' ibnu fil-Qawra. Ma kien hemm assolutament xejn qabel. It-tieni u l-ahhar biċċa xoghol illi huwa kien inkariga lir-rikorrenti kienet fl-istabbiliment tieghu bl-isem ta' "The Villa Brasserie" ġewwa San Giljan.*

*Id-dokument MH 1, jghid l-intimat, kien jirrigwarda purament il-bicca tax-xoghol tal-fond ġewwa l-Qawra u l-ebda biċċa tax-xoghol ohra. B'referenza ghall-invoice numru 1528 l-intimat qal li din ma inghatatx lilu fit-28 ta' Settembru tas-sena 2010 izda kien rah ghal ewwel darba xi April tas-sena 2011. B'referenza ghal dawn l-invoices, l-intimat qal li r-rikorrenti jista johrog kwalsiasi invoice li jrid hu u li hu (l-intimat) ma' ghandux kontroll fuq l-invoices. Qal li "jiena nghid illi din l-invoice qabad u harigha arbitrarjament" (fol. 24).*

*L-intimat kompla jishaq illi meta huwa fis-27 ta' Jannar tas-sena 2011 inghata l-ircevuta in full and final settlement din kienet tkopri x-xogholijiet kollha li kienu saru sa dakinhar gewwa l-fond ta' ibnu fil-Qawra. In kontro-ezami, l-intimat gie mistoqsi jekk huwa jaqbilx li x-xogholijiet li hemm imnizzla fuq il-quote numru 1574 sarux u huwa wiegeb fl-affermattiv. Qal ukoll li bl-ircevuta datata 27 ta' Jannar, 2011 (dok. MH 1) dan il-kont thallas u jekk wiehed jezamina l-imsemmija quote, wiehed jista jinduna "illi anke l-affarijiet elenkati fl-istess quote juri li its the end of the job" (fol. 24).*

*3. Fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 2012* ***xehed ir-rikorrenti Carmelo Vassallo****. Huwa beda biex ighid li hu u huh Massimo Vassallo jezercitaw il-kummerc taht l-isem Legenda Vera. Is-servizzi li jipprovdu huwa ta' project management, interior design u consultancies. Huwa sar jaf lill-intimat meta dan kien cempillu. Meta ltaqaw, l-intimat beda jkellimhom dwar progett li kellu f'H'Attard ta' bini ta' sitta u ghoxrin appartament. F'Jannar, 2010 huma bdew jiltaqaw u bdew jiddiskutu dan il-progett anke bil-pjanti li kellhu l-istess intimat. Qabel ma kienu ser jibdew, l-intimat infurmahom li huwa kien ser jippruvahom billi jafdalhom il-Villa ta' ibnu li kellhu fil-Qawra. Ghal dan il-ghan, ir-rikorrenti kienu ltaqghu mal-intimat fil-Villa ta' ibnu gewwa l-Qawra. Huma kienu ltaqghu mal-bennej li kien l-uniku haddiem prezenti u hemm regghu bdew id-diskussjonijiet, bhal ma kien sar ghar-rigward tal-progett gewwa H'Attard.*

*Ir-rikorrenti jghid li "id-drittijiet taghna kellhom ikunu ta' ghaxra fil-mija tal-valur tax-xoghlijiet illi jkunu saru dan ovvjament tal-progetti li kont niehu hsieb jiena bhala project manager" (fol. 73). Ir-rikorrenti jghid li ghandu e-mail minghand l-intimat li huwa qieghed jaccetta din ic-cifra pero' din ic-cifra kien qieghed jaccettaha ghar-rigward ta' H'Attard. B'referenza ghall-fond gewwa l-Qawra, r-rikorrenti jghid li l-intimat kien qallu li dawn ix-xogholijiet kellhom isiru kemm jista jkun malajr peress li ibnu kien ser jizzewweg. L-intimat infurmahom li fuq dan il-progett (tal-Qawra) huwa kellhu problema bi tlett trades partikolari u cioe li ma kellux nies biex jiehdu hsieb id-dawl u l-ilma, it-tqeghid tal-madum u t-tqeghid tal-gypsum boards. Kien ghalhekk, ighid ir-rikorrenti, li l-intimat talabhom sabiex isibu xi nies li setghu jidhlu u jaghmlu dawn ix-xogholijiet immedjatament.*

*Il-ftehim, jghid ir-rikorrenti, kien maghluq u dan fis-sens li huma kellhom jiehdu hsieb it-tqeghid tal-madum, il-gypsum boards u d-dawl u l-ilma. Ir-rikorrenti jghid li huma hadmulu l-bill of quantities bir-rati li kienu ser izommu s-sub kuntratturi ta' dawn it-trades. Ir-rikorrenti jkompli jghid li peress li huma kienu ser jiehdu s-sub contracting ta' dawn it-trades huma ma kienux ser izzommulu tal-consultancy fees u tal-project management fees taghhom fuq dawn it-trades kif kienu jaghmlu s-soltu u dan anke in vista tal-fatt li huwa kien ser jaghtihom hafna xoghol. Ir-rikorrenti jzid ighid li ghar-rigward tal-kumplament tat-trades l-ohra, il-ftehim kien li huwa jiehu hsieb il-project management u ta' dan huwa kien ser jithallas ghaxra fil-mija (10%) tal-valur tax-xogholijiet li kienu qeghdin isiru. Ir-rikorrenti esebixxa sensiela ta' e-mails tal-korrispondenza li huwa kellhu mal-intimat f'dan ir-rigward, liema e-mails gew immarkati bhala dokument CV1 (fol. 77 et seq.).*

*Ir-rikorrenti esebixxa ukoll dokument li gie mmarkat bhala dok CV2 (fol. 81) li huwa l-kuntratt li gie miftiehem mal-intimat. Dan il-kuntratt pero baqa qatt ma gie ffirmat. Il-bill of quantities li gew miftehma mal-intimat ghar-rigward tat-tlett trades li huma kienu ser jiehdu hsiebu gie esebit bhala dok CV4. Giet esebita ukoll Dok CV5 li hija ricevuta li skond ir-rikorrenti jirrizulta li hemm it-ten per cent (10%) project management fees li l-partijiet kienu ftehmu dwarha. Din ir-ricevuta giet imhallsa mill-intimat.*

*Dwar dan l-ahhar dokument CV5 li jinsab esebit a fol. 84 u li jgib id-data 4 ta' Gunju, 2010 it-Tribunal jinnota li din tirreferi ghal xogholijiet li saru fil-Villa tal-Qawra. F'din l-invoice hemm miktuba l-kliem "10% Project Manager's fees: @311.74 31.17". Dan l-ammont ta' €311.74 intlahaq*

*billi gew mghaduda l-ammonti ta' flejjes li hemm fuq l-istess invoice liema xogholijiet, mad-daqqa t'ghajn jidhru li kienu relatati max-xogholijiet li kienu gew inkarigati biex jaghmlu r-rikorrenti u cioe tqeghid ta' madum, dawl u ilma u gypsum.*

*Meta r-rikorrenti gie muri d-dokument 'A' a fol 2 tal-process huwa qal li din tirraprezenta l-project management fees tat-tnax (12) il-trade l-ohra li kien hemm apparti t-tlett trades li kienu ghamlu s-sub contracting taghhom huma.*

*Ir-rikorrenti jammetti li l-intimat qatt ma ffirma kuntratt kif lanqas qatt ma ffirma invoice. Minkejja dan, ighid ir-rikorrenti, huma bdew ix-xoghol ta' project manager u huwa kien jikkonsulta mal-intimat biex jara x'kien jixtieq li jaghmel ghar-rigward ta' xogholijiet u wara dawn il-konsultazzjonijiet huwa kien jiehu hsieb li dak li ried l-intimat jitwettaq. Hekk kif bdew bil-process li dawk it-tlett trades li kienu hadu jibdew, bdew dehlin il-kuntatti tat-trades l-ohra li gab l-intimat stess bhal ta' l-aperturi, under floor heating, air conditioning, marble works et cetera. Wara li tlestew ix-xogholijiet bdew jibghatu l-kontijiet lill-intimat. Ovvjament, ighid ir-rikorrenti, dak ix-xoghol li ma kienx lest ma kienux qeghdin jibghatu l-kontijiet tieghu. Meta kienu jibghatu l-kontijiet, l-intimat kien ihallashom.*

*F'Awwissu, 2010 inqalghet kwistjoni bejn il-partijiet u dan peress li l-intimat, skond ir-rikorrenti, ma kienx qieghed ihallsu ghal xoghol li kien qieghed jaghmel. L-intimat, skond ir-rikorrenti, kien qallu li huwa kien ser jithallas mit-trades li kienu gew sub-contracted lilu u cioe d-dawl, l-ilma, il-gypsum boards u t-tiling. Ir-rikorrenti jghid li l-ftehim ma kienx hekk u fil-fatt, ikompli jghid l-istess rikorrenti, wara li l-intimat "rani nirrabja li hadd ma kien qalli li ma kienx ser ihallas tax-xoghol taghna u hu beda jghid ukoll illi kont qed nippanikja ghalxejn il-ghaliex kien ser ihallas dak li kien dovut minnu" (fol. 75).*

*B'referenza ghat-tnax (12)-il trade l-ohra li kienu qeghdin jiehdu hsieb il-villa tal-Qawra, ir-rikorrenti jghid li huwa kien jaghmel kollox, u cioe kien jaghmel liasing maghhom, kien jiftah u jaghlaq il-villa, jekk kien ikollhom bzonn xi affarijiet huwa kien jara li kienu jkunu qeghdin hemmhekk, kien jiltaqa l-Hadd ma iben l-intimat on site, ir-rikorrenti kien bazikament jaghmel il-project management kollhu ta' l-istess villa gewwa l-Qawra.*

*Ir-rikorrenti jghid li x-xoghlijiet fil-villa saru kollha u dawn kienu ghas-sodisfazzjoni ta' iben l-intimat. Meta telqu huma mill-fond gewwa l-Qawra, x-xoghol kien kollu lest u sahansitra kien tqabbad handyman li*

*jahdem mar-rikorrenti full time sabiex inaddaf il-post imsemmi. Ir-rikorrenti jkompli jghid li l-intimat qatt ma gerger dwar ix-xoghol li kienu qeghdin jaghmlu huma, la ghar-rigward tas-sub contracting u lanqas ghar-rigward tax-xoghol li kien qieghed isir ghar-rigward tat-tnax (12)-il trade l-ohra li kienu qeghdin jiehdu hsieb.*

*B'referenza ghax-xogholijiet ta' sub-contracting works tat-tlett trades li huma kienu inkarigati minnhom, ir-rikorrenti jghid li l-intimat hallas kollox u ma ghandhom jigbru xejn minghandu f'dan ir-rigward. Fadalhom jigbru l-hlasijiet tal-project management.*

*Dwar id-dokumenti li gew ezebiti mill-intimat fit-8 ta' Frar, 2012, ir-rikorrenti jghid li dawn kienu qeghdin jirreferu ghat-trades u ghas-sub contracting li kienu qeghdin jaghmlu u kienu inkarigati minnhom huma. Ma hemm l-ebda referenza ghar-rigward tal-procject management fees taghhom.*

*Wara li lestew ix-xoghol fil-villa, huma kienu ser jibdew ix-xoghol fuq il-progett gewwa H'Attard. Sa dak iz-zmien, huma kienu ghadhom ma hargu l-ebda invoice ghar-rigward tal-project management ta' H'Attard u dan peress li kienu ghadhom qeghdin jaghmlu l-preliminary works.*

*Ir-rikorrenti jzid ighid li l-intimat kien imbaghad qabbadhom jaghmlu bicca xoghol fir-restuarant tieghu bl-isem ta' 'The Villa'. Waqt dawn ix-xogholijiet inqala dizgwid iehor u hemmhekk spiccat ir-relazzjoni taghna.*

*Wara, r-rikorrenti baghtu l-kont taghhom lill-intimat, liema kont ma giex accettat minnu. Ir-rikorrenti jghid li wara li giet intavolata din it-Talba odjerna, l-intimat offrielhom li jhallas nofs l-ammont li qeghdin jitolbu fil-kawza sabiex il-pendenzi ta' bejniethom jispiccaw ghall-kollox. Fil-fatt, ikompli jghid ir-rikorrenti, l-intimat kien gie l-ufficju taghhom u kien hemm prezenti ukoll is-segretarja taghhom Alexandra Camilleri.*

*B'referenza ghall-invoice li hemm esebit a fol 2 u 3 tal-process ir-rikorrenti jghid li dan il-kont ma jirriflettix l-ghaxra fil-mija (10%) tax-xoghlijiet illi saru fit-tnax (12) il-trade l-ohra li saru fil-villa u li kienu qeghdin jiehdu hsiebhom huma. L-invoice tirrifletti biss l-ammont ta' hin u cioe' s-sieghat li huwa kien jaghmel fil-villa tat-tifel tal-intimat. Ir-rikorrenti jghid li din l-invoice hija hafna inqas milli suppost il-ghaliex huwa ddedika hafna iktar hin milli hemm indikat fiha. Ghalhekk, ighid ir-rikorrenti, huwa ma setax jaghmel l-ghaxra fil-mija (10%) valur l-ghaliex l-intimat qatt ma ghaddielhu l-ircevuti tal-ispejjez li huwa nefaq fit-tnax (12)-il trade l-ohra.*

*4. Fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2012 sar il-kontro-ezami tar-rikorrenti Carmelo Vassallo. Huwa beda biex jikkonferma li bejn ir-rikorrenti u l-intimat qatt ma gie ffirmat kuntratt ghax-xogholijiet li kellhom isiru. Zied ighid li l-procedura tas-soltu hija li jigi ffirmat kuntratt. Ir-rikorrenti jghid li huma kienu qeghdin jafdaw lill-intimat u allura minflok qaghdu jinsistu mieghu biex dan jiffirma l-kuntratt relattiv, huma bdew jaghmlu x-xogholijiet. Dawn ix-xogholijiet li kienu qeghdin isiru l-intimat kien jaf bihom. Ghar-rigward tal-project management fees, ir-rikorrenti jghid li dawn kellhom jinzammu fuq l-affarijiet l-ohra kollha li m'humiex fl-erba' trades li kienu qeghdin jiehdu hsiebhom huma.*

*Ir-rikorrenti qabel ma dak suggerit lilu li l-project management fee hareg wara l-kont li huma kienu hargu ghar-rigward tax-xogholijiet ta' sub contracting li kienu ghamlu. Dan riedu l-intimat stess.*

*Wara li inqala d-disgwid bejn il-partijiet waqt li kien qieghed isir xoghol minnhom fir-restaurant ta' l-intimat gewwa l-Balluta, San Giljan, ir-rikorrenti jghid li huwa kien hareg il-kont tal-project management.*

*B'referenza ghall-hlasijiet ghar-rigward tax-xogholijiet li huma kienu ghamlu s-sub contracting tieghu, r-rikorrenti jerga jikkonferma li dawn kienu thallsu kollha u ma ghandhom jiehdu xejn minghand l-intimat f'dan ir-rigward. Ghar-rigward ta' din l-invoice, ir-rikorrenti jghid li din jista jkun li tkun harget back dated. F'din l-istess invoice kien hemm ukoll il-fees ta' H'Attard li kienu ghadhom ghaddejjin.*

*Dwar il-project management li kien sar fil-Villa tal-Qawra, r-rikorrenti jghid li huwa kien ghamel diversi xogholijiet f'dan ir-rigward. Ha hsieb fejn kellu jigi l-graffiato, fejn kellu jigi miksi normali, x'tip ta' zebgha kienet ser tintuza, l-kulur ta' dik iz-zebgha, fejn kienu ser jigu l-points tal-air conditioning, is-sollijiet tal-aluminium, laqghat ma' tal-irham, laqghat ma' tal-aluminium, fejn kellu jigi t-tank tal-ilma u dak kollu li kien hemm bzonn biex dik il-villa tigi abittabli. Ir-rikorrenti ha hsieb li jara fejn kellu jigi l-iskimmer, l-irrigation system tal-gnien, it-tarag tal-hadid kollox. Ir-*

*rikorrenti jghid li huwa kien jiltaqa mal-intimat, ma ibnu u mal-mara ta' ibnu kull meta kien ikun hemm bzonn anke l-Hadd stess sabiex jiddiskuti l-progress tal-progett. F'dawn il-laqghat ma kienx jigi diskuss biss ix-xoghol li kienu qeghdin jaghmlu tas-sub contracting in-nies ingaggati mir-rikorrenti izda kien jigi diskuss kollox. Qal ukoll li l-haddiema kollha (mhux dawk li kienu gew sub-contracted minnhom biss) kienu jcemplulu sabiex jifthilhom il-villa. Fost in-nies li kienu jcemplulu kien hemm tal-pool, tal-aluminium, tal-irham u tat-tarag. Mistoqsi minn kien ikun responsabbli kieku l-bajjad kien jbajjad hajt abjad flok kulur iehor, ir-rikorrenti jghid li l-bajjad kien ikun responsabbli u mhux hu. Ghar-rigward tat-tikhil, ir-rikorrenti jghid li dan ix-xoghol kien qieghed jaghmlu Sirjan.*

*Ir-rikorrenti jghid li l-intimat kien jafdah u meta kien jiltaqa mieghu huwa kien jghidlu sabiex imur fuq il-post sabiex jara x-xogholijiet li kienu qeghdin isiru u imbaghad l-intimat kien jinkariga lill-kahhal sabiex jirranga x-xoghol. Meta kien ikun hemm l-izbalji, jghid ir-rikorrenti, kien l-intimat li kien jaffronta lill-haddiema u mhux hu. Ir-rikorrenti jghid li dik mhix responsabilita' ta' project manager.*

*Mistoqsi minn kien jiehu hsieb id-development schedules, ir-rikorrenti jghid li dawn kien jaghmilhom l-intimat li mbaghad kien iqabdu biex jiehu hsiebhom u jara li jitwettqu. Ir-rikorrenti jghid li kienu jaghmlu recess planning u li dan kemm il-darba sar fl-ufficju u kif ukoll on site nkluzi wkoll mal-haddiema. Mistoqsi jekk kienux ghamlu bill of quantities ghat-trades l-ohra, r-rikorrenti jghid li l-intimat qatt ma talabhom jaghmlu dan u kieku qabbadhom, l-fees taghhom kienu ser ikunu ferm ghola.*

*5. Fis-seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2012* ***xehdet Alexandra Camilleri****, s-segretarja tar-rikorrenti li qalet li xogholha huwa li tohrog quotations u li taghmel l-invoices sabiex ir-rikorrenti jkunu jistghu jircievu l-hlas relattiv.*

*Ghar-rigward ta' l-intimat, ix-xhud tghid li hi kienet iltaqghet f'okkazzjoni wahda mieghu u f'din l-okkazzjoni huwa kien staqsieha ghar-rikorrenti Carmelo Vassallo li kien fl-ufficju dak il-hin. Hija tghid li f'din l-okkazzjoni, liema okkazzjoni sehhet f'Jannar jew Frar tas-sena 2012 u allura wara li kienet infethet din il-kawza, hija kienet semghet lill-intimat jghid lir-*

*rikorrenti sabiex huma jaslu "ghal nofs triq" (fol. 87). Ix-xhud tghid li l-intimat kien qieghed jirreferi ghad-dokument A u d-dokument B li hemm ezebiti fil-process a fol 2 u 4. Meta mar l-intimat l-ufficju tar-rikorrenti, ix-xhud tghid li ma kien hemm l-ebda pendenza ohra bejn il-pendenti.*

*Ziedet tghid li r-rikorrenti ma accettax din l-offerta ta' l-intimat u ghalhekk dan ta' l-ahhar telaq mill-ufficju taghhom.*

*Dawn iz-zewg invoices tghid ix-xhud ghadhom pendenti.*

*In kontro-ezami, x-xhud tghid li l-invoices li hemm esebiti a fol. 2 u 4 tal-process kienu fil-file ta' l-intimat meta hija bdiet tahdem mar-rikorrenti f' Jannar, 2011. Tghid ukoll li dawn l-invoices ma setawx jinhargu qabel l-ghaliex l-intimat kien ghadu ma tahx l-ircevuti relattivi lir-rikorrenti biex tkun tista tinhadem it-ten per cent (10%) project management fee. Tkompli tghid li "ghalhekk meta huwa hallas il-one thousand and eight euro skont ma tindika l-ircevuta a fol 43 tal-process huwa kien qieghed ihallas il-full settlement ghal quote 1574. Il-quote 1574 tirreferi ghax-xoghlijiet illi saru fil-villa tas-Sur Hammett li tinsab il-Qawra" (fol. 88).*

*Qalet ukoll li fl-invoices kollha li hargu nkluz fil-quotes u li ghalihom kien jaghmel il-hlasijiet l-intimat, qatt ma kien hemm imnizzel il-kliem project management fees u allura l-invoices illi hargu u li huma ezebiti bhala dokument A u dokument B dawn jirrigwardaw biss il-project management fees. Dawn id-dokumenti A u B (fol 2 sa 4) intbghatu fl-istess zminijiet illi kienu qeghdin isiru x-xoghlijiet fir-restaurant tal-intimat maghruf bhala The Villa gewwa l-Balluta. Ix-xogholijiet gewwa l-Villa ta' iben l-intimat damu madwar seba' jew tmien xhur.*

*Peress li l-intimat baqa qatt ma ta' l-ircevuti tal-ispejjez li huwa nefaq fil-Villa ta' ibnu gewwa l-Qawra, ix-xhud tghid li dawn l-invoices (dok. A u B) inhargu a bazi tas-sieghat illi r-rikorrenti ghamlu fuq il-propjeta' in kwistjoni.*

*6. Fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2012 xehed ukoll* **Redeemer Sammut** *li fiz-zmien in kwistjoni kien jahdem bhala project manager mar-rikorrenti. Meta xehed ix-xhud kien ilu madwar disa' (9) xhur li kien telaq mill-impjieg taghhom. Huwa qal li kien ikun preżenti kemm fil-villa ta' iben l-intimat gewwa l-Qawra kif ukoll fir-restaurant tieghu bl-isem The Villa gewwa l-bajja tal-Balluta.*

*Huwa qal li huma kienu gew inkarigati bhala project managers u kienu jirsistu hafna fuq ix-xogholijiet li kien inkarigahom jaghmel l-intimat.*

*Apparti dan ix-xoghol ta' project management, kien sar ukoll xoghol ta' sub contracting bhal madum, dawl, ilma u drenagg. Ix-xoghlijiet ghas-sub contracting damu madwar tlett xhur u on site ghamilna madwar seba' jew tmien xhur. Ix-xhud ighid li huwa ġieli kien ikun qieghed on site meta kien ikun hemm l-intimat. Jiftakar f'okkazzjoni minnhom waqt li huwa kien fuq il-bejt tal-villa ta' iben l-intimat gewwa l-Qawra meta kien inqala' xi dizgwid. Dan id-disgwid kien fis-sens illi huwa kien qieghed jisma lir-rikorrenti Carmelo Vassallo jargumenta mal-intimat dwar pagamenti li l-istess intimat ma kienx ghadu ghamel lir-rikorrenti. L-intimat, skond dan ix-xhud, kien qal lir-rikorrenti "ghalfejn qed tippanikkja jaqaw hsibt li mhux ser inhallsek u mbaghad jiena ergajt mort lura fuq il-bejt inkompli x-xoghol li kont qieghed naghmel fuq it-tank tal-ilma. Meta nqala' dan id-dizgwid ix-xoghlijiet tas-sub contracting kienu lesti" (fol. 90).*

*In kontro-ezami, ix-xhud qal li huwa ġieli ffirma xi delivery notes ta' xi oggett li kien jingieb fuq il-post waqt li kien ikun fil-fond ġewwa l-Qawra. Ix-xoghol li kienu jaghmlu f'dan il-fond kien ta' sub contracting u project management. Gieli kienu jkunu fuq il-post u ma kienx ikun hemm l-intimat. Bhala eżempju jghid li meta kien mar tal-air conditioner biex iwahhalhom kienu huma li marru jifthulu. Huwa qal li kien jaghti direzzjoni lin-nies li kienu jkunu fuq il-post jaghmlu x-xogholijiet u dan peress li huwa kellu l-pjanta tal-affarijiet fejn kellhom isiru. Din il-pjanta kien taghielu r-rikorrenti Carmelo Vassallo.*

*7. Fis-seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012* ***xehed ir-rikorrenti Massimo Vassallo****. Huwa qal li kien iltaqa mal-intimat fuq progett li kellu jsehh gewwa H'Attard. Kienu ftehmu li joffru project management, u kienu ftehmu dwar il-modalita' tal-hlas kif ukoll l-ammont li kien ser ikun dovut lilhom. L-ammont maqbul kellu jkun ta' ghaxra fil-mija (10%) ta' fuq il-valur globali tal-oggett li huma jkunu qed jimmanigjaw. Waqt il-laqghat li kienu qeghdin isiru dwar il-progett ta' H'Attard, l-intimat kien inkarigahom jaghmlu xogholijiet fuq il-villa ta' ibnu ġewwa l-Qawra. Ghar-rigward ta' dan il-progett (tal-Qawra), ir-rikorrenti kien qal li x-xoghol li kellhom jaghmlu kien ta' project management u r-rata ta' hlasijiet kienet l-istess bhal ma kienu qeghdin jitkellmu fuq dik ta' H'Attard. Il-ftehim tar-rikorrenti mal-intimat kien li huwa kellu jaghtihom l-valur tax-xoghlijiet li jsiru fil-Villa tal-Qawra sabiex imbaghad huma jkunu jistghu jiehdu l-percentagg dovut lilhom. Minn dan kollu pero' ma sar xejn u ghalhekk, ighid ir-rikorrenti, kellhom jikkostruwixxu kollox ibbazzat fuq l-ammont ta' sieghat illi huma qattghu fuq il-villa.*

*Ir-rikorrenti jghid li l-intimat qatt ma qallilhom li ma kienx ser ihallashom ghax-xogholijiet illi kienu ghamlu anzi kien jghidilhom li kien sejjer ihallashom. B'referenza ghad-dokumenti li hemm esebiti a fol 2 u 3 tal-process, ir-rikorrenti jghid li hemmhekk hemm indikati meetings u s-servizzi li huma taw lill-intimat u li ghal dawn, l-istess intimat kellhu jhallas is-somma ta' erbat elef hames mija u sebgha ewro u sixty cents (€4507.60). Minn dan l-ammont, jghid ir-rikorrenti, huma ma thallsu xejn.*

*In kontro-ezami, r-rikorrenti qal li huma qatt ma ffirmaw kuntratt mal-intimat u dan peress li huwa qatt ma ried jiffirma kuntratt bil-miktub maghhom. Qabel ukoll ma dak suggerit lilu ghar-rigward tas-sub contracting u cioe li huma kienu thallsu ta' kollox f'dan ir-rigward. Stqarr ukoll li huma ma żammewx project management fees fuq ix-xoghol li kien inghata lilhom b'sub contracting.*

*Ir-rikorrenti jghid li t-Talba odjerna tirrigwarda kemm il-project management li huma kienu ghamlu H'Attard u kemm il-project management li kienu ghamlu fil-Villa tal-Qawra.*

*B'referenza ghall-pjanti li hemm esebiti a fol 147 sa fol 159 ir-rikorrenti qal hekk:*

*i. dik li tinsab a fol 147 tirrellata ma' H'Attard.*
*ii. Il-pjanta li hemm a fol 148 hija wahda minn dawk li huma kienu s-sub kontrattaw u allura ma dahlitx fil-kont.*
*iii. dik li tinsab a fol. 149 huwa sub contracting u ghalhekk l-ammont ma dahalx fl-ammont li r-rikorrenti qeghdin jitolbu f'dawn il-proceduri. Fuq il-pjanta li hemm esebita a fol. 149 ma hemmx kwistjoni tad-dawl biss imma hemm affarijiet ohra.*
*iv. l-istess haga ghar-rigward tal-pjanta li hemm a fol 150. Il-pjanti li ghandhom x'jaqsmu mas-sub contracting u li gew ezebiti f'dawn il-folji u li semma' r-rikorrenti ma humiex jitolbu l-hlas tal-project management taghhom.*

*Ir-rikorrenti jkompli jispjega illi fuq il-pjanti jirriżultaw affarijiet ohra li ma humiex komprizi fis-sub contracting bhal ma kien id-decking.*

*Ir-rikorrenti qabel li l-kont tal-project management hareg wara d-data tas-27 ta' Jannar 2011 meta thallas is-sub contracting in full and final settlement. B'referenza ghad-dizgwid li inqala bejn il-kontendenti, r-rikorrenti jghid li dan kien beda qabel id-data tal-hrug ta' din l-invoice. Id-*

*disgwid kien fis-sens li huma kienu qegħdin jitolbu l-ħlas mingħand l-intimat iżda dan ma kienx qiegħed iħallas. Meta r-rikorrenti gie mistoqsi jgħid x'kienet ir-raguni l-għala ħareg il-kont tal-project management wara li kien ħareg u tħallas il-kont tas-sub contracting huwa qal li huma dejjem riedu li l-project management jigi fatturat matul il-process pero' l-intimat kien qalilhom sabiex iħalluh għall-aħħar.*

*8. Ra d-dokumentazzjoni esebita nkluża l-e-mails skambjati u l-pjanti.*

*Ikkunsidra ulterjorment;*

*9. F'dan il-kaz, id-diverbju bejn il-partijiet jidher li jirrigwarda xogħol ta' project managment li r-rikorrenti qed igħidu li għamlu fuq inkarigu ta' l-intimat. Mill-banda l-oħra l-intimat qiegħed igħid li dak li kellhu jħallas lir-rikorrenti huwa ħallsu u għalhekk ma baqalu jagħtihom xejn. Apparti dan, l-istess intimat igħid li huwa ma kienx inkariga lir-rikorrenti biex jagħmlu xi xogħolijiet oħra għajr għal dak li kien inkarigahom biex jagħmlu fil-Villa ta' ibnu ġewwa l-Qawra, għal-liema xogħolijiet, igħid l-istess intimat, ir-rikorrenti tħallsu għas-saldu.*

*10. It-Tribunal, wara li semgħa x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti flimkien man-noti ta' sottomissjonijiet mressqa miż-żewg partijiet, huwa tal-fehma li l-intimat kien jaf li l-intimati kienu qegħdin jagħmlu xogħolijiet oltre dak li għalihom kienu tqabbdu minnu, liema xogħolijiet addizzjonali kienu jinkludu li huma jieħdu ħsieb ix-xogħolijiet l-oħra li kienu qegħdin isiru ġewwa l-Villa ta' ibnu fil-Qawra. Dan huwa kkonfermat anke minn xhieda li llum il-gurnata ma għandhom l-ebda rabta aktar mar-rikorrenti bħal Redeemer Sammut. Apparti dan, kemm is-segretarja tar-rikorrenti u kemm l-istess rikorrenti t-tnejn jixhdu li wara li kienu nbdew dawn il-proceduri, l-intimat kien mar fl-ufficju tar-rikorrenti u hemm pprova jilħaq ftehim ma' l-istess rikorrenti u dan fis-sens li xtaq li jaslu għal nofs triq.*

*11. L-intimat igħid li huwa ma fadallu xejn xi jħallas lir-rikorrenti l-għaliex huwa għandu riċevuta rilaxxata mingħand ir-rikorrenti li tgħid li huwa kien ħallas is-somma ta' €1,008 "by chq. No. HSBC 1218 being in full settlement on quote 1574" (fol. 25). Il-quote 1574 hija dik li tinsab esebita bħala dok. MH2 a fol. 26 tal-process. F'din il-quote għalkemm ix-xogħolijiet hemm imsemmija jirreferu għax-xogħolijiet li saru ġewwa l-Qawra, ma hemmx stima tax-xogħol ta' project management. Dan qed jingħad l-għaliex ir-rikorrenti, ripetutament waqt id-deposizzjoni tagħhom*

*ighidu li x-xogholijiet ta' sub-contracting tat-tlett trades li huma kienu nkarigati minnhom, l-intimat kien hallashom kollox u ma ghandhom x'jigbru xejn minghandu f'dan ir-rigward. Kull ma fadalhom jiġbru huma l-hlasijiet ghar-rigward tal-project management[1]. Ir-rikorrenti Massimo Vassallo jispecifika, fix-xhieda minnu moghtija fl-20 ta' Gunju, 2012, li x-xogholijiet ta' project management kienu jirrigwardaw dawk ix-xogholijiet li kienu ghamlu ghar-rigward tal-progett ta' H'Attard u fil-Villa ta' iben l-intimat fil-Qawra.*

*12. Fil-kawza fl-ismijiet* ***Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia*** *deciza fl-24 ta' Novembru, 1966 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kienet tkellmet dwar l-apprezzament tal-provi u l-piz li ghandu jinghata mill-Qorti lil certu provi u liema ghandhom jigu skartati jew eliminati:*

*"Illi huwa veru li hemm konflitt kbir bejn il-verzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenut, izda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa fuq ir-regola ta' l-'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad li "tot homines tot sententiae", u lanqas ma jkun gej minn verzjonijiet differenti 'bona fidcidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarrieda, e.g. identita, velocita ta' vejikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom, skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudnijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin, bhal f'dan il-kaz, allura jsir car li xi wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni jelbuh u b'hekk jabbuza mill-process tal-gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandix taqa comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabilita u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant, eccezzjoni ta' xi kazijiet gravi li m'ghandhomx rassomiljanza mal-kaz prezenti. Anke f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun*

[1] Ara xhieda ta' Carmelo Vassallo moghtija minnu fid-9 ta' Marzu, 2012.

*il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita tal-qerq da parti ta’ xi wiehed mill-kontendenti[2]”*

*13. Inghad ukoll mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Tonna vs Philip Azzopardi*** *deciza fit-12 ta’ April, 2007 illi in materja ta’ provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta’ l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta’ l-attur (reus in excipiendo fit actor)[3].*

*(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, ‘jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta’ l-attur hija sostenuta’[4].*

*(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta’ l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;*

---

[2] Ara ukoll f’dan is-sens **George Bugeja vs Joseph Meilak**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Ottubru, 2033 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia u **Gerald Desira et vs Joseph Barbara** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta’ April, 2010 per Onor. Imhallef Dr. Ph. Sciberras.

[3] Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5;

[4] Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577;

*14. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[5].*

*15. Issa f'dan il-kaz, it-Tribunal ma jistax jaċċetta li l-hlas ta' €1,008 li sar mill-intimat fis-27 ta' Jannar, 2011, liema hlas sar "in full settlement on quote 1574" ifisser iżjed minn dak li qieghed jinghad. Skond il-quote li hemm esebita a fol. 26 tal-process (dok. MH2) ix-xogholijiet li kienu qeghdin jithallsu in full settlement kienu:*

*"Removing existing furniture, masking all apertures, skriting, ceilings & corner walls, covering up, retouching with finitura, painting in 4 coats TV room, 3 coats common area, stairwell & hallway & 4 coats bedroom €848.00.*

*Cleaning & cart away to matab, amounting chandalier and painting including material €160.00".*

*Dawn iz-zewg ammonti ta' €848 u €160 jammontaw f'daqqa ghas-somma ta' €1,008, li huwa l-istess ammont li ghalih, l-intimat inghata riċevuta "in full settlement" mir-rikorrenti.*

*16. Ir-rikorrenti ghamlu iżjed xogholijiet minn dawk hawn fuq indikati. Dan jirrizulta mill-invoices u dokumentazzjoni ohra esebita mill-partijiet f'dawn il-proceduri. Ta' dawn ix-xogholijiet, ir-rikorrenti jghidu li huma*

[5] Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

*thallsu u fadalhom biss x'jithallsu ghas-servizz provdut lill-intimat ta' project management. Jirrizulta kif diġà nghad li r-rikorrenti verament kienu qeghdin jiehdu hsieb ix-xogholijiet li kienu qeghdin isiru fil-proprjeta ta' iben l-intimat. Mid-dokumenti esebiti u cioe dawk speċjalment li hemm esebiti a fol. 98 u 99 jidher li r-rikorrenti kienu qeghdin jaghmlu xogholijiet ghan-nom ta' l-intimat, liema xogholijiet żgur li kienu a konoxxenza tieghu. In-natura tax-xogholijiet li kienu qeghdin jsiru u li huma ndikati f'dawn id-dokumenti hawn imsemmija. Illi ghalhekk, it-Tribunal jsibha diffiċli jemmen lill-intimat meta huwa jghid li r-rikorrenti ma kienux gew inkarigati bhala project managers. Jirrizulta li r-rikorrenti u l-addetti taghhom kienu nvoluti sew f'dan il-progett u li kieku ma kienx ghalihom, dawn ix-xogholijiet jew ma kienux isiru jew inkellha kienu jdumu ferm iżjed biex isiru. Skond ix-xhieda prodotta jirrizulta li r-rikorrenti u l-addetti taghhom damu madwar seba' (7) xhur jahdmu fuq il-progett tal-Qawra u dan juri l-involviment qawwi taghhom fih.*

*17. Illi ghalhekk l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat qeghda tiġi michuda, kif qeghdin jiġu michuda l-kumplament ta' l-eccezzjonijiet tieghu ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija.*

*18. Ghar-rigward tat-talba rikorrenti, t-Tribunal jirrileva li huma qeghdin jitolbu l-ammont ta' €3,494.06, li huwa l-ammont massimu li huma setghu jitolbu skond il-ligi lil dan it-Tribunal. L-ammont proprju, skond ma jirrizulta mit-Talba huwa ta' €4,807.60c. Ir-rikorrenti rriducew dan l-ahhar ammont ghall-ammont ta' €3,494.06. It-Tribunal ra d-dokumenti esebiti mat-Talba u ma jarax li hemm xi haġa li jista jiċċensura fihom, iktar u iktar meta dak hemm kontenut qatt ma gie kkontestat mill-intimat anke perezz ta' xi kontro-ezami lir-rikorrenti f'dan ir-rigward. Ghalhekk, tenut dan kollu, t-Tribunal sejjer jilqa t-Talba tar-rikorrenti fl-ammont mitlub.*

*Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro u sitt ċenteżmi ta' euro [€3,494.06c] bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru mit-28 ta' Settembru, 2010.*

*L-ispejjez, in vista ta' dak hawn fuq deċiż ghandhom jithallsu kollha mill-intimat."*

Illi minn din is-sentenza appella l-intimat Mario Hammett bl-aggravju illi t-Tribunal ma ghamilx apprezzament tal-provi skont il-ligi u dan billi kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jippruvaw it-talba minnhom imressqa u fil-fatt huma naqqsu milli iressqu provi illi kienu gew ezegwiti xi servizzi ta' *project management* li dwarhom saret it-talba ghal hlas, ghajr illi giet prodotta fattura *back-dated*. Illi jilmenta illi dina l-fattura ma tirrapprezentax hlas dvout in konnessjoni ma' xoghol ta' *project management* izda tirreferi ghal hlas dovut in konnessjoni max-xoghol ta' *sub-contracting* li sar mill-appellati fil-villa tieghu, liema xoghol kien diga mhallas fl-intier. Di piu l-appellanti qatt ma ingagga lir-rikorrenti sabiex jaghmlu xoghol ta' *project managament* u qatt ma gie iffirmat xi ftehim f'dan is-sens. Finalment jilmentaw mill-mod kif it-Tribunal illikwida l-imghaxijiet dovuti u dana mid-data tal-fattura Dokument A, meta l-atturi ammettew illi din kienet harrget *back-dated* u inoltre meta it-tieni fattura esebieta bhala Dokument B kienet datata ferm wara u cioe' tat-13 ta' April 2011.

Illi l-ilmenti tal-appellanti lejn is-sentenza impunjata huma kollha diretti lejn l-apprezzament tal-provi maghmula mit-Tribunal. Illi din il-Qorti qabel xejn terga' ghal darb'ohra tirribadixxi illi bhala qorti ta' revizjoni hija timxi b'mod kawt meta tigi imsejjha biex taghmel ezami mill-gdid tal-atti probatorji u dan ghaliex in prim'istanza min ikun imsejjah biex jiggudika ikun f'posizzjoni ferm ahjar jaghmel dak l-apprezzament ghaliex hemmhekk ikunu instemghu ix-xhieda *viva voce* u kwindi id-dixxerniment tal-gudikant ikun wiehed dirett kuntrarju ghal dak li isir f' stadju ta' revizjoni fejn dan jista' isir biss b'mod indirett tal-kredibilita tax-xhieda mismugha. Dan ghaliex din il-Qorti hija nieqsa minn dak l-apprezzament dirett tal-komportament mhux biss tal-partijiet fix-xhieda taghhom, izda ukoll tax-xhieda kollha, kif ukoll hija nieqsa mill-vantagg li tezamina lix-xhieda direttament fil-kaz li ikollha xi dubbju dwar dak li qed

jinghad. Illi allura, kif gie diversi drabi ribadut fil-gurisprudenza sabiex dak l-apprezzament jigi varjat, necessarjment iridu jinkonkorru ragunijiet gravi u impellenti fejn ikun evidenti li l-gudikant kien zbaljat tant illi tkun giet krejata ingustizzja.

Illi r-rikorrenti appellati jallegaw illi huma ghamlu zewg tipi ta' xogholijiet fil-proprjeta ta'l-intimat u ibnu, u cioe' fl-ewwel lok inghataw l-appalt li jiehdu hsieb tlett tipi ta' xogholijiet dak tat-tqeghid ta' madum, xoghol ta' plumbing, elettriku u drenagg u xoghol ta' gypsum, li gew ezegwiti permezz ta' *subcontracting*, kif ukoll li jiehdu hsieb l-ipprogettar, disinn u esekuzzjoni tax-xogholijiet l-ohra kollha li kienu qed isiru minn kuntratturi ohra, b'dan ta'l-ahhar huma isejjhu bhala xoghol ta' *project managment*. L-intimat jichad illi kien sar dan l-ahhar ftehim. It-Tribunal wara li ezamina ix-xhieda u id-dokumenti esebieti wasal ghal konkluzjoni illi fuq bilanc ta' probabbilita huwa kellu jaghti piz iktar lix-xhieda tar-rikorrenti milli dik ta'l-intimat u dan billi mill-provi hareg car illi fil-fatt ir-rikorrenti damu madwar sebgha xhur fuq il-post ta'l-intimat jissorveljaw ix-xogholijiet kollha u mhux dawk biss li kienu indahhlu direttament ghalihom huma.

Illi l-appellanti sokkombenti ghal dan il gudizzju jilmenta illi r-rikorrenti naqqsu milli iressqu provi sufficjenti sabiex jippruvaw it-talba taghhom u dan ghaliex ma giex ippruvat li kien sar ftehim bejniethom ghar-rigward tax-xoghol tal-*project managment* u l-ahhar *invoice* esebita bin-numru 1574 fl-ammont ta' €1008 saret ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha dovuti lill-appellati.

Illi l-Qorti tibda biex tosserva illi t-Tribunal ghamel apprezzamnt dettaljat tad-dokumenti kollha esbieti inkluz ghalhekk ta' dan il-fattura/ricevuta kif ukoll tax-xhieda tal-partijiet. Ma tarax illi dak li jilmenta minnu l-appellanti isib xi sostenn fid-decizjoni impunjata. Dan ghaliex ix-xenarju kien essenzjalment

wiehed ta’ apprezzament tal-provi. It-Tribunal infatti kellu quddiemu dawn iz-zewg tezijiet ben distinti u kellu jasal ghall-konvinciment jekk r-rikorrenti kienux jew le sodisfacentement stabbilew permezz tal-provi illi s-servizzi li jirrizulta illi ipprestaw kenux effettivament originaw minn xi relazzjoni guridika ezistenti bejn il-partijiet, kif  qed jippretendu.

Premess dan, huwa evidenti hafna illi f’kazijiet bhal dak in ezami dak li ghandu l-aktar importanza huwa x’ezattament ikun gie miftiehem bejn il-partijiet. Id-diffikoltajiet u n-nuqqas ta’ qbil jinsorgu ghaliex il-partijiet ma jkunux ipprecizaw bil-miktub in-natura tal-kompitu li l-parti l-wahda tkun affidat lill-parti l-ohra u allura t-termini tal-ftehim ma jkunux gew espressament approfonditi kif  jixraq u b’mod li ma jinqalax dizgwid wara. Hekk gara izda f’dan il-kaz ghaliex l-intimat li xtaq jinkariga lill-atturi biex jirrendu servizzi ta’ *project management* fuq progett ta’ kostruzzjoni li kien ser jidhol ghaliha f’ H’Attard, xtaq illi qabel xejn jara x’kien isarraf ix-xoghol tar-rikorrenti billi inkarigahom jiehdu hsieb ix-xogholijiet fid-dar ta’ ibnu gewwa il-Qawra. Dan sar minghajr ebda ftehim car jew bil-miktub, izda jidher bl-intendiment illi huma kellhom jirrendu l-istess servizzi bhal dawk li kienu ser jaghmlu gewwa H’Attard fejn allura kellhom jithallsu kumpens ta’ 10% tax-xogholijiet kompletati. Fil-fatt ir-rikorrenti appellati bdew jirrendu tali servizzi oltre ukoll li indahlu biex jghamlu xi xogholijiet huma stess fil-fond billi jingaggaw *sub-contractors* ghal dan il-ghan. Ghal dan ix-xoghol ta’l-ahhar huma jghidu ghal iktar minn darba li thallsu ghas-saldu mill-intimat kif jirrizulta *del resto* mill-fattura li iggib in-numru 1574. Il-kontestazzjoni allura tirrigwarda l-inkarigu dwar xoghol ta’ konsulenza, disinjar u sorveljanza ta’ certi xogholijiet, inkariku dan li seta jinghata taht kwalsiasi forma mhux necessarjament bil-miktub, b’dan izda illi fil-kaz ta’ kontestazzjoni, bhal fil-kaz in dizamina, jispetta lil min ikun irrenda dawk is-servizzi u ikun qed jagixxi ghal hlas ta’l-istess li iressaq prova li turi l-ezistenza ta’ tali ftehim.

Precizat is-suespost, il-Qorti tosserva illi kif johrog mill-atti u kif gustament ikkonkluda it-Tribunal, l-appellati irrendew tali servizzi lill-intimat bil-kunsens tieghu u ma jidhirx illi f'xi hin dan zammhom milli ikomplu jiehdu hsieb ix-xogholijiet kollha li kienu qed isiru fid-dar tal-Qawra, tant illi jirrizulta mix-xhieda prodotti illi l-appellati damu fuq il-lant tax-xoghol madwar seba' xhur u dan sakemm ix-xogholijiet kollha fuq din il-proprjeta kienu tlestew u id-dar kienet lesta ghall-abitazzjoni. Kien biss wara meta inqala' disgwid bejn il-partijiet in konnessjoni ma' xi xoghol iehor li l-intimat kien inkarighom biex jaghmlu, illi huwa beda jirrifjuta li ihallashom ghas-servizzi minnhom rezi ta' *project management.*

**"Fil-kaz in inspecie r-rapport kontrattwali raggunt bejn il-kontendenti jsib konferma fid-definizzjoni moghtija mil-ligi fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. In effetti d-definizzjoni hemm moghtija tadatta ruhha ghall-prestazzjonijiet assunti mill-attur. Mill-banda l-wahda l-attur kien obbligat li jippresta fl-interess tal-konvenut il-mansjonijiet fuq specifikati. Minn naha l-ohra l-konvenut kien obbligat li jirrimunerah taghhom. Huwa ghalhekk kuntratt li minnu titwieled obbligazzjoni 'di fare'."**

**Fir-rigward il-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (Numru 3264, 22 ta' Marzu 1995) irriteniet illi "l'obbligazione del direttore dei lavori, che per conto del committente e` tenuto a controllare la regolarita` ed il buon andamento dell'opera man mano posta in essere del costruttore, costituisce un'obbligazione di mezzi (e cioe di comportamento), non gia di risultato, in quanto ha per oggetto la prestazione di un opera intellettuale che non si estrinseca, nemmeno in parte, in un risultato di cui si possa cogliere tangibilmente la consistenza, non sfociando in un'opera materiale[6]"**

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt allura u stabbilit illi huwa ippruvat li kien jezisti dan ir-rapport guridiku bejn il-partijiet, l-appellanti huwa obbligat jirrimunera lir-rikorrenti appellati ghas-servizzi minnhom rezi.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida 'il ghala hija ghandha titbieghed mill-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal.

[6] App.Inf Mark Micallef vs Christopher Pace deciza 10/03/2004

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

L-ispejjez ikunu ghak-karigu tal-appellanti Mario Hammett.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------